# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA
# (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 20 ta' Settembru 2024**

**Numru 6**

**Rikors Numru 495/2023**

**Ian Coleiro (K.I. 353985M)**
**vs**
**Kummissarju tal-Pulizija**
**Avukat Ġenerali**
**Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Ian Coliero (ir-rikorrent) tat-3 ta' Ottubru 2023 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

1. Illi fil-proċeduri kriminali fl-ismijiet `Il-Pulizija vs Ian Coleiro`(Kumpilazzjoni Numru: 411/17) ir-rikorrent *qua* imputat jinsab akkużat *inter alia* bir-reat ta` korruzzjoni ta` minorenni u b`attentat vjolenti għall-pudur fuq il-persuna tal-istess minorenni;

2. Illi mill-atti proċesswali jirriżulta illi, qabel mar-rikorrent ġie akkużat bl-imsemmija reati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), kienet inħatret Inkjesta Maġisterjali fejn l-allegati vittmi minuri li kienu ikoll taħt l-eta` ta` sittax-il sena xehdu fil-presenza tal-ġenituri tagħhom iżda mhux bil-proċedura tal-*videoconferencing*. Jirriżulta wkoll li r-rikorrent ma kienx preżenti hija u tingħata x-xhieda tal-imsemmija minuri;

3. Illi mill-atti proċesswali jirriżulta wkoll li l-Prosekuzzjoni ddikjarat li m`hemmx il-ħtieġa li l-minuri jiġu prodotti fil-kumpilazzjoni sabiex jixhdu;

4. Illi għalhekk l-unika xhieda tal-allegati vittmi minuri hija dik kontentuta fl-Inkjesta Maġisterjali;

5. Illi legalment minuri jixhdu darba permezz tal-proċedura tal-*videoconferencing* fejn l-eżami u l-kontro-eżami jsir f`dik l-istess seduta u dan minħabba l-Vulnerabbilita` tal-minuri u sabiex ma jkunx hemm vittimizzazzjoni sekondarja;

6. Illi, apparti mill-fatt li l-allegati vittmi minuri ma ddeponewx bil-proċedura tal-*videoconferencing* fl-inkjesta Maġisterjali, ir-rikorrent ma jistax jipprevalixxi ruħu mid-disposizzjoni tal-artikolu 550(2) tal-Kodiċi Kriminali li tistipula li l-imputat jista` jagħmel kontro-eżami lil dawk ix-xhieda li jkunu diġa` xehdu fl-Inkjesta Maġisterjali stante li din id-disposizzjoni tal-liġi mhix intiża għal sitwazzjoni fejn ix-xhieda li jkunu xehdu fl-inkjesta Maġisterjali jkunu minuri. Dan għaliex minuri legalment ma jistgħux jixhdu f`seduta sussegwenti wara li jkunu xehdu in eżami iżda huma għandhom jixhdu darba fejn l-eżami u l-kontro-eżami jsir fl-istess seduta;

7. Illi kif ukoll l-artikolu 646(1) tal-Kodiċi Kriminali jistipula b`mod ċar li bla ħsara għad-disposizzjonijiet sussegwenti tal-istess artikolu,ix-xhieda għandhom dejjem jiġu eżaminati fil-qorti u *viva voce*.*Di piu*` it-tieni proviso tal-artikolu 646(2) tal-kodiċi Kriminali jistipula b`mod ċar li meta xhud ikun minuri taħt is-sittax-il sena u tinġieb bi prova reġistrazzjoni bl-awdjo u bil-video tax-xhieda tal-istess minuri,il-minuri m`għandhux jinġieb sabiex jiġi eżaminat *viva voce*.Illi fil-każ *de quo* l-allegati vittmi minuri la xehdu permezz tal-proċedura tal-*videoconferencing* meta ddeponew fl-Inkjesta Maġisterjali u wisq anqas ma ġew prodotti bħala xhieda fil-kumpilazzjoni;

8. Illi jiġi rilevat li meta wieħed jixtarr l-atti proċesswali isib li għajr ix-xhieda tal-imsemmija minuri ma hemm ebda prova oħra li l-Prosekuzzjoni tista` realment tistrieħ fuqha sabiex ir-rikorrent *qua* imputat jinstab ħati. Għalhekk huwa ta`preġudizzju kbir għar-rikorrent li x-xhieda tal-minuri mogħtija bil-mod kif ġie spjegat f` dan ir-rikors tibqa` fl-atti proċesswali u eventwalment tiġi kkunsidrata minn min irrid jiġġudikah fil-proċess penali;

9. Illi minn dawn kollu jsegwi li in vista tar-regola proċedurali li minuri għandhom jixhdu darba fejn l-eżami u l-kontro-eżami jsiru fl-istess seduta

u in vista tal-fatt li r-rikorrent ma kienx preżenti meta l-isemmija minuri xehdu waqt l-Inkjesta Maġisterjali u għalhekk huwa ma setax jagħmillhom il-kontro-eżami, jekk fl-istadju tal-provi difiża r-rikorrent *qua* imputat jtella` lill-minuri għall-kontro-eżami dan iwassal għal difett proċedurali fit-teħid tax-xhieda tal-minuri.*Di piu`* in vista tal-fatt li ma ġietx osservata d-diċitura tal-artikolu 646 tal-Kodiċi Kriminali u in vista tal-fatt li l-allegati vittmi minuri ma ġewx  prodotti bħala xhieda tal-Prosekuzzjoni fil-kumpilazzjoni, ir-rikorrent ma jistax itella lill-istess minuri sabiex jagħmillhom il-kontro-eżami hekk li huma ma ġewx prodotti bħala xhieda in eżami.Hawnhekk jiġi rilevat li l-eżami u l-kontro eżami għandhom funzjonijiet differenti.Filwaqt li l-eżami jservi sabiex persuna tirrakkonta taħt ġurament l-akkadut,il-kontro-eżami huwa għodda indispensabbli f-idejn l-imputat fejn permezz tiegħu jikkontrolla lix-xhud,tiġi stabbilita l-kredibbilita` u l-veraċita` *o memo* tar-rakkont tax-xhieda li jkun ta x-xhud in eżami,il-verżjoni li jkun ta xhud tista tiġi kontradetta u saħansitra tista` tiġi reża inattendibbli minħabba l-karrattru jew il-komportament tax-xhud;

10. Illi in vista tal-fatt li l-imsemmija minuri ma xehdux bil-*videoconferencing* waqt l-Inkjesta Maġisterjali u billi r-rikorrent ma kellux l-opportunita` li jagħmel il-kontro-eżami waqt l-Inkjesta Maġisterjali billi huwa ma setax ikun preżenti, allura jsegwi li fil-kumpilazzjoni ma seta jiġi prodott l-ebda *videoconferencing* ai termini tat-tieni proviso tal-artikolu 646(2) tal-Kodiċi Kriminali.Għalhekk, il-Prosekuzzjoni qed tippretendi li tuża ` x-xhieda tal-minuri hekk mogħtija fl-Inkjesta Maġisterjali liema xhieda ma ttiħditx skont id-dettami tal-liġi u tużaha bħala l-unika prova tagħha kontra r-rikorrent *qua* imputat iżda fl-istess ħin ir-rikorrent ma jistax jipprevalixxi mid-dritt tiegħu li jagħmel il-kontro-eżami lill-istess xhieda. Illi għalhekk jekk ix-xhieda tal-minuri mogħtija fl-Inkjesta Maġisterjali tibqa fl-atti proċesswali din se toħloq preġudizzju kbir lir-rikorrent *qua* imputat.Jekk jiġri dan,ir-rikorrent ma jistax ikollu smigħ xieraq hekk li dan kollu jimmina l-prinċipju tal-*equality of arms* bejn il-Prosekuzzjoni u d-difiża tar-rikorrent *qua* imputat.Dan kollu jmur kontra id-dritt ta`smigħ xieraq hekk kif sanċit permezz tal-artikolu 6(3) (d) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem,l-artikolu 39(6)(d) tal-Kostituzzjoni,u l-artikolu 6 tal-Att dwar il-konvenzjoni Ewropea, Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta`Malta.

Talbiet:

11. Għaldaqstant, fid-dawl tas-suespost, ir-rikorrent umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

i. Tiddikjara u tiddeċiedi li x-xhieda tal-minuri mogħtija fl-Inkjesta Maġisterjali tilledi u/jew sejra tilledi d-drittijiet fundamnetali tiegħu kif salvgwardjati mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-drittijiet tal-Bniedem, mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta, u mill-artikolu 6 tal-Att dwar il-konvenzjoni Ewropea, Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta` Malta; u

ii. Tiddikjara li x-xiehda tal-minuri mertu tal-proċeduri kriminali kontra r-rikorrent bħala inammissibbli u konsegwentament tagħti dawk ir-rimedji effettivi u xierqa fiċ-ċirkostanzi sabiex jiġu salvagwardjati d-drittijiet fondamentali tar-rikorrent.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati inġunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija, L-Avukat Ġenerali u l-Avukat tal-Istat (l-intimati) tat-8 ta' Novembru 2023 li permezz tagħha wieġbu s-segwenti:

1. Illi in vena preliminari, l-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Ġenerali ġew imħarrka inutilment f'dawn il-proċeduri peress li l-preżenza tal-Avukat tal-Istat għan-nom tal-Gvern ta' Malta huwa suffiċjenti. Tassew ladarba r-rikorrent qiegħed jilmenta minn allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu, allura skont ġurisprudenza paċifika, l-uniku leġittimu kontradittur għan-nom tal-Gvern ta' Malta huwa l-Avukat tal-Istat. Konsegwentement, l-esponenti Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Ġenerali **għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju**;

2. Illi in linea preliminari wkoll, huwa sew magħruf fid-dritt kostituzzjonali u konvenzjonali li azzjoni bħal din għandha titressaq kemm jista' jkun wara li jintużaw ir-rimedji ordinarji kollha. Kien nuqqas da parti tar-rikorrent li ma jagħmilx użu mir-rimedji ordinarji disponibbli għalih. Tabilħaqq mhuwiex xogħol ta' din l-Onorabbli Qorti li toqgħod tiddeċiedi fuq ħwejjeġ li setgħu ġew deċiżi mill-qorti ordinarja kompetenti. Kif ingħad f'bosta sentenzi kostituzzjonali, fil-proċess ġudizzjarju penali huwa l-ġudikant fil-qrati kriminali li fl-aħħar mill-aħħar huwa l-moderatur tal-proċeduri li jiżgura mhux biss li jinżamm bilanċ bejn il-kontendenti u l-mezzi disponibbli għalihom biex jiddefendu r-rispettivi pożizzjonijiet tagħhom, imma huwa wkoll mogħti mil-liġi s-setgħat u l-mezzi l-oħrajn kollha biex ikun jista' jiżgura proċess ġust u xieraq (ara **Emmanuel sive Leli Camilleri vs. Il-Kummissarju tal-Pulizija et** mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-20 ta' Diċembru 2000).

   Għalhekk l-esponenti qiegħdin umilment jistiednu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex toqgħod lura milli tinqeda bis-setgħat konvenzjonali u kostituzzjonali tagħha taħt l-*proviso* tal-**artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni** u l-*proviso* tal-**artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta**;

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, fil-mertu, it-talbiet tar-rikorrent huma infondanti fil-fatt u fid-dritt u dan għar-raġunijiet segwenti;

4. Illi jibda billi jingħad li biex tinstab leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq kif imħares taħt l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** u **l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni**, huwa meħtieġ li l-proċess ġudizzjarju jiġi eżaminat fit-

totalita' kollha tiegħu. Bħala regola, biex wieħed japprezza jekk proċeduri humiex xierqa jew le, wieħed m'għandux iħares biss lejn xi nuqqasijiet proċedurali individwali imma lejn jekk fl-assjem tagħhom, il-proċeduri kienux jew le kondotti b'ġustizzja fis-sostanza u fl-apparenza (ara **Perit Joseph Mallia vs. Onor. Prim Ministru et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta' Marzu 1996);

5. Illi meta wieħed jiġi biex jifhem kif japplikaw l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** u **l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni** jridu tabilfors jitqiesu l-fatturi proċesswali partikolari tal-każ, b'mod illi biex wieħed jiddetermina jekk kienx hemm ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq, wieħed irid iqis il-proċess kollu kemm hu, magħduda magħhom l-imġiba tal-Qorti li tkun u kif ukoll ta' kif l-interessi tal-persuna mixlija kienu mressqa u mħarsin mill-istess qorti (Ara Kost. 4.8.1999 fil-kawża fl-ismijiet **Fenech vs. Avukat Ġenerali** (Kollez. Vol: LXXXIII.i.213)). Wieħed ma jistax u m'għandux jiffoka fuq biċċa biss mill-proċess sħiħ ġudizzjarju biex minnu, jekk isib xi nuqqas jew għelt, jasal għall-konklużjoni li tabilfors seħħ ksur tal-jedd tas-smigħ xieraq (Kost. 18.8.1998 fil-kawża fl-ismijiet **Pullicino vs. Onor. Prim Ministru et** (Kollez. Vol: LXXXII.i.158, a fol. 225)).

6. Illi f'dan il-każ partikolari ċertament ma hemmx nuqqas ta' smigħ xieraq għaliex waqt l-Inkjesta Maġisterjali bin-numru 822/16 magħmula mill-Magistrat illum l-Imħallef Neville Camilleri allegatament ma ġietx segwita l-proċedura tal-*videoconferencing* ai termini tal-**artikolu 550(2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta**. Tajjeb li jiġi aċċennat li l-proċedura kontemplata fl-**artikolu 550(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta** m'hijiex maħsuba għall-inkjesti maġisterjali iżda hija proċedura li għandha tiġi addottata fl-istadju tal-kumpilazzjonijiet. L-istess għandu jingħad għall-**artikolu 646 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta**, liema proċedura tapplika fl-istadju ta' kumpilazzjoni quddiem Qorti. Wara kollox, il-vittmi llum il-ġurnata m'għadhomx minuri;

7. Illi jingħad ukoll illi fil-kuntest ta' Inkjesta kondotta mill-Maġistrat huwa l-Maġistrat li jippreżerva l-provi u li tali provi ma jinġabrux fil-preżenza tal-ebda persuna oħra. L-Inkjesta Maġisterjali hija intiża sabiex tistabilixxi jekk twettaqx reat u tindentifika persuna suspettata li wettqet tali reat. Illi ċertament li fil-kuntest tal-Inkjesta ma jkunx hemm il-figura ta' persuna imputata liema figura timmaterjalizza mal-mument li jiġu preżentati l-imputazzjonijiet;

8. Kieku verament ir-rikorrent xtaq jagħmel kontro-eżami tal-vittmi jew ittella kwalunkwe provi oħra, inkluż il-vittmi, dejjem seta' għamel it-talba appożita. Madankollu, r-rikorrent naqas milli jagħmel dan. Dan anki ġie ritenut mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali stess fil-kumpilazzjoni 411/17 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ian Coleiro** fid-digriet tagħha tat-30 ta' Mejju 2023 (ara fol 783 tal-proċess kriminali). Hawnhekk japplikaw perfettament il-massimi *vigilantibus et non dormientibus jure subveniunt* u *commodum ex injuria sua non habere debet.* L-interess tar-rikorrent ma jidhirx li huwa verament trasparenti, għaliex jidher biċ-ċar li l-intenzjoni tiegħu m'hijiex li jagħmel il-kontro-eżami tal-vittmi, iżda minflokk

qiegħed jivvinta ostakli proċedurali għalih innifsu bit-tama li x-xhieda prinċipali li nġiebet kontrih tiġi skartata u b'hekk, jiżgura l-liberazzjoni tiegħu. Tant hu hekk, kif ser jirriżulta fil-mori ta' dawn il-proċeduri, r-rikorrent ma kellux id-diċenza minima li jagħmel talba sabiex jagħmel il-kontro-eżami tal-vittmi jew itellahom bħala xhieda tiegħu u minflok qiegħed ilibbes tali nuqqas da parti tiegħu bħala lanjanza kostituzzjonali sabiex jittenta jisfilza x-xhieda tal-vittmi;

9. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Għaldaqstant fid-dawl tas-suespost ma hemm l-ebda leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent u din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad l-allegazzjonijiet u t-talbiet kollha bħala infondati fil-fatt u fid-dritt u dan bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent.

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-proċedura.

Qrat ix-xhieda kollha fl-atti.

Rat li r-rikors tħalla' għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

Ir-rikorrent għaddej proċeduri kriminali fi stadju ta' Kumpilazzjoni fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija -vs- Ian Coliero numru 411/17**, akkużat fost oħrajn bil-korruzzjoni ta' minorenni u attentat vjolenti fuq il-pudur tal-istess minorenni.

Qabel ma r-rikorrent ġie akkużat formalment saret inkjesta li fiha l-allegati vittmi minorenni xehdu '*viva voce'* minflok bil-video conferencing kif suppost stante li huma taħt l-eta'. Għal din is-seduta r-rikorrent ma kienx preżenti.

Ir-rikorrent qiegħed jargumenta li ġia la darba l-minuri xehdu '*viva voce'* u mhux bil-'*video conferencing'* u li issa ma jistgħux ikunu kontro-eżaminati

minnu, allura ġew miksura d-drittijiet fundamentali tiegħu għal smiegħ xieraq.

**Punti ta' liġi**

Ir-rikorrent qiegħed jinvoka l-artikoli 39 u 6 tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni rispettivament għaliex skond kif jgħid fir-rikors tiegħu "… *in vista tal-fatt li l-imsemmija minuri ma xehdux bil-videoconferencing waqt l-Inkjesta Maġisterjali u billi r-rikorrent ma kellux l-opportunita' li jagħmel il-kontroeżami waqt l-Inkjesta Maġisterjali billi huwa ma setax ikun preżenti, allura jsegwi li fil-kumpilazzjoni ma seta' jiġi prodott l-ebda videoconferencing ai termini tat-tieni proviso tal-artikolu 646(2) tal-Kodiċi Kriminali*" (Ara a' fol 3 para 10).

**Konsiderazzjonijiet**

Il-Qorti fliet bir-reqqa kemm il-provvedimenti tal-liġi involuti u kif ukoll iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

M'għandu jkun hemm ebda dubbju li meta l-minuri inkwistjoni xehdu quddiem il-Maġistrat inkwirenti fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2017, dan għamluh '*viva voce'* u fl-assenza u ad insaputa tar-rikorrent (a' fol 774). Ma hemm xejn x'jindika li r-rikorrent kien jaf b'dik is-seduta. Huwa wkoll inkontestat għalhekk, li r-rikorrent ma kienx f'posizzjoni u ma setax jagħmel il-kontro eżami tempestivament immedjatament wara li xehdu dawn il-minuri.

M'għandu jkun hemm ebda dubbju, li d-dritt tal-kontro eżami għandu post ta' importanza massima fis-sistema ġuridika tagħna, tant li bħala regola ġenerali Artikolu 646(1) tal-Kodiċi Kriminali jiddisponi li "*Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, ix-xhieda għandhom dejjem jiġu eżaminati fil-qorti u vivavoce*". L-awturi jikkummentaw wkoll li "*In the Unterpertinger case the Court took the position that a witness need not necessarily appear in person in Court without this conflicting per se with the paragraphs 1 and 3(d) of article 6. However the riĥts of the defence may not be effected by this and specifically not the riĥt of the accused to examine or have examined the witnesses of the prosecution."* (**Theory and Practice of the European Convention-Van Djik & Van Hoof. Second Edition pag 354**). Huwa importanti li dawn l-awturi jagħmlu referenza għal "*the right of the accused … to have examined the witnesses of the prosecution*". Ma hemm ebda dubbju li din tirreferi għad-dritt tal-kontro eżami anke jekk ma jintużawx frażijiet bħal *"cross examination".*

Di piu', dawn il-Qrati jsostnu li kull persuna li titla' tixhed quddiem il-Qorti Istruttorja "*tista' ssirilha kontroeżami mill-imputat. Kull persuna li tkun tat ix-xhieda tagħha waqt l-inkjesta (kif ukoll l-esperti) tista' tinġieb waqt il-kawża sabiex twieġeb viva voce għal domandi li jsiru kemm mill-Prosekuzzjoni kif kif ukoll mid-difiża*". (Ara **Sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-12 ta' Lulju, 2023 fl-ismijiet Adrian Agius, Robert Agius u Jamie Vella -vs- L-Avukat tal-Istat u l-Avukat Ġenerali**).

Issa fir-rigward ta' xhieda meħuda bil-'*video conferencing'* f'każ ta' reati sesswali intqal hekk. "*Having regard to the special features of criminal proceedings concerning sexual offences, Article 6 § 3 (d) cannot be interpreted as requiring in all cases that questions be put directly by the accused or his or her defence counsel througħ cross-examination or by other means"* (Ara **S.N. v. Sweden, 2002, § 52; W.S. v. Poland, 2007, § 55**).

Dan ifisser, li għalkemm li f'każijiet bħal dawn id-dritt tal-kontro eżami jibqa', pero' mhux garantit li dan isir direttament mill-imputat jew l-avukati tiegħu. Di fatti anke fil-Qrati tagħna f'każijiet simili jew każijiet tal-Qorti tal-Familja, il-mistoqsijiet jiġu l-ewwel rivolti lill-Ġudikant permezz ta' '*remote hearing'* u jkun il-Ġudikant li jitrasmetti l-mistosijiet jekk jara li huma xierqa. Dan għaliex "…*the Court has held that since a direct confrontation between the defendants charged with criminal offences of sexual violence and their alleged victims risks further traumatisation of the victim, personal cross-examination by defendants should be subject to the most careful assessment by the national courts, the more so the more intimate the questions are*" (Ara **Y. v. Slovenia, 2015, § 106; see also R.B. v. Estonia, 2021 ).** Pero' fl-aħħar mill-aħħar li huwa importanti hu li l-akkużat ikun f'posizzjoni li jkun jista' jiskandalja l-komportament tax-xhud u partikularment meta jkun ġuri. (Ara **Bocos-Cuesta v. the Netherlands, 2005, § 71; P.S. v. Germany, 2001, § 26; Accardi and Others v. Italy (dec.), 2005; S.N. v. Sweden, 2002, § 52**).

Iżda, dak li bħal donnu qed jitlob ir-rikorrent f'din il-proċedura, mhux li jingħata l-opportunita' li jagħmel il-kontri eżami iżda li addirittura li jkunu injorati għal kollox id-deposizzjonijiet ta' dawn il-minorreni fl-inkjesta. Issa il-proviso għall-Artikolu 642(2) tal-Kodiċi Krminali jiddisponi hekk*:*

"*Iżda wkoll meta x-xhud ikun minuri taħt it-tmintax (18) -il sena u tinġieb bi prova reġistrazzjoni bl-awdjo u bil-video tax-xhieda tal-minuri, il-minuri ma għandux jinġieb biex jiġi eżaminat viva voce"*

Minn dan il-bran il-Qorti tikkonkludi li ma hiex mandatorja li x-xhieda ta' minuri bil-fors tittieħed bil-'*video conferencing'*. Dan il-proviso ma jobbligax lill-Qorti li għandha tieħu x-xhieda ta' minuri b'dan il-mod, iżda tħalliha fil-ġudizzju tal-Ġudikant jekk għandux jieħu xhieda b'dan il-mod. It-tieni punt huwa fis-sens, li jekk ix-xhieda tittieħed bil-'*video conferencing'* ma jfissirx li l-biċċa waqfet hawn u għalhekk ma jkunx hemm dritt ulterjuri ta' kontro eżami. Li jfisser hu, li jekk ix-xhieda tittieħed bil-video conferencing, il-kontro eżami ma jistax isir '*viva voce'* iżda bl-istess mod li ttieħdet.

Dan ifisser li r-rikorrent għadu fiċ-ċans li jagħmel il-kontro eżami u ġia la darba l-Maġistrat inkwirenti ħass li kellu jisma' ix-xhieda '*viva voce'*, il-kontro eżami għandu jsir bl-istess mod.

Min-naħa l-oħra, il-Qorti tħoss li ma hiex ħaġa sewwa li r-rikorrent ma kienx infurmat bis-seduta tal-14 ta' Marzu 2017 meta xehdu l-minorenni quddiem il-Maġistrat. Issa tajjeb li jingħad, li r-rikorrent kien irrilaxxja l-istqarrijiet

tiegħu fit-18 ta' Novembru 2016 (a' fol 422). Għalhekk meta ddeponew il-minorenni, ir-rikorrent kien univokament il-persuna suspettata.

Issa intqal li "*a suspect questioned about his involvement in acts constituting a criminal offence* (**Aleksandr Zaichenko v. Russia, 2010, §§ 41-43; Yankov and Others v. Bulgaria, 2010, § 23; Schmid-Laffer v. Switzerland, 2015, §§ 30-31**) *and a person who has been questioned in respect of his or her suspected involvement in an offence* (**Stirmanov v. Russia, 2019, § 39**), *irrespective of the fact that he or she was formally treated as a witness* (**Kalēja v. Latvia, 2017, §§ 36-41***) as well as a person who has been formally charged with a criminal offence under procedure set out in domestic law* (**Pélissier and Sassi v. France [GC], 1999, § 66; Pedersen and Baadsgaard v. Denmark [GC], 2004, § 4**4) *could all be regarded as being charged with a criminal offence' and claim the protection of Article 6 of the Convention*".

Għalhekk huwa ċar li r-rikorrent, anke jekk ma kienx għadu akkużat formalment (l-akkuża ħarġet fl-20 ta' Settembru 2017) kien qiegħed igawdi mill-protezzjoni li jagħtu l-Artikoli 39 u 6 tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni rispettivament. Dan ifisser li meta "minn wara dahru" ittieħdet ix-xhieda tal-minorreni nkisirlu d-dritt ta' smiegħ xieraq.

Kif ġie spjegat "*Article 6, read as a whole, guarantees the right of an accused to participate effectively in a criminal trial (***Murtazaliyeva v. Russia [GC], 2018, § 91***). In general, this includes, inter alia, not only his*

*or her right to be present, but also to hear and follow the proceedings. Such rights are implicit in the very notion of an adversarial procedure and can also be derived from the guarantees contained in sub-paragraphs (c), (d) and (e) of paragraph 3 of Article 6 (***Stanford v. the United Kingdom, 1994, § 26***). Accordingly, poor acoustics in the courtroom and hearing difficulties could give rise to an issue under Article 6 (§ 29).”*

Bil-frażi “*criminal trial*” din il-Qorti ma tifhimx li din hija limitata għal dak il-mument li jinbdew il-proċeduri formalment, iżda mill-mument li l-persuna ssib lilha nnifisha f’sitwazzjoni li tista’ twassal sabiex jittieħdu proċeduri formali kontra tagħha. Li kieku kellha tingħata definizzjoni aktar ristretta ta’ “*criminal trial*”, allura inkunu qegħdin niftħu bieb għal bosta abbużi.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tqies li l-Avukat tal-Istat għandu jkun illiberat mill-osservanza tal-ġudizzju għaliex l-azzjoni ma hiex waħda minnn dawk li trid tkun inevitabilment diretta kontra tiegħu fit-termini tal-artikolu 181B (2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta.

**Deċide**

Għaldastant din il-Qorti qed taqta’ u tiddeċiedi r-rikors bil-mod segwenti:

**Tilqa’ l-ewwel talba rikorrenti** iżda biss sa fejn ir-rikorrenti ma ġiex mgħarraf bis-seduta tal-14 ta’ Marzu 2017 meta xehdu l-minorenni quddiem il-Maġistrat inkwerenti.

**Tilqa' it-tieni talba** u tordna li r-rikorrent għandu d-dritt li jagħmel il-kontroeżami tal-imsemmija minorenni bl-istess mod li huma ddeponew filwaqt li qed tillikwida l-ammont ta' elf ewro (€1000) bħala danni non pekunjarji u tikkundanna lill-intimati Kummissarju u Avukat Ġenerali jħallsu lir-rikorrent dan l-ammont, bl-imgħaxijiet legali mill-preżenti sentenza sal-pagament effettiv.

Tillibera mill-osservanza tal-ġudizzju lill-Avukat tal-Istat.

Spejjes a' karigu tal-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Ġenerali.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**